

Brussell, 7 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

11557/20

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0284(NLE)

---

---

ACP 102  
WTO 229  
COAFR 270  
RELEX 714  
AGRI 306

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ottubru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 633 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-UE, fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-aġġustament ta' ċerti kwantitajiet ta' referenza elenkati fl-Anness IV tal-FSE

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 633 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 633 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.10.2020  
COM(2020) 633 final

2020/0284 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-UE, fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-aġġustament ta' ċerti kwantitajiet ta' referenza elenkati fl-Anness IV tal-FSE**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-Proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-UE, fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ("il-FSE" jew il-"Ftehim") bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati EPA tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika ("SADC", Southern African Development Community), fir-rigward tal-aġġustament tal-kwantitajiet ta' referenza għal ċerti prodotti elenkati fl-Anness IV tal-FSE għall-fini tal-Artikolu 35 tal-FSE.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-Artikolu 35 tal-FSE jipprevedi possibbiltà għall-Unjoni Doganali tan-Nofsinhar tal-Afrika li tapplika miżura ta' salvagwardja fil-forma ta' dazju fuq l-importazzjoni jekk, matul kwalunkwe perjodu ta' tmax-il xahar, il-volumi tal-importazzjonijiet fl-SACU ta' prodott agrikolu elenkat fl-Anness IV tal-FSE li joriġina mill-UE jaqbz u l-kwantità ta' referenza għall-prodott elenkata fih.

L-Anness IV tal-FSE fih tabella li telenka l-kwantitajiet ta' referenza għal tlieta u għoxrin (23) prodott għal tmax-il (12) sena ("sena 1", "sena 2" eċċ.). In-nota (1) f'qiegħ il-paġna tat-tabella tgħid li "għal-linji tat-tariffa indikati b'asterisk, fil-każ li d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim tiġi wara l-2015, il-kwantità ta' referenza għas-Sena 1 għandha tkun il-medja tal-importazzjonijiet mill-UE għall-SACU tat-tliet (3) snin preċedenti. Il-kwantitajiet ta' referenza għas-snin ta' wara (wara s-Sena 1) għandhom jiġu aġġustati proporzjonalment għall-kwantitajiet ta' referenza f'din it-tabella".

L-Artikolu 113(8) tal-FSE jipprevedi li "jekk, waqt l-istennija tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Partijiet jiddeċiedu li japplikawh provviżorjament, ir-referenzi kollha f'dan il-Ftehim għad-data tad-dħul fis-seħħ jitqiesu li jirreferu għad-data li fiha din l-applikazzjoni provviżorja tkun daħlet fis-seħħ".

L-FSE ġie applikat b'mod provviżorju sa mill-10 ta' Ottubru 2016. Għalhekk, jenħtieġ li l-kwantitajiet ta' referenza ta' ħdax-il (11) prodott elenkati fl-Anness IV tal-FSE (dawk indikati b'asterisk) jiġu aġġustati skont in-nota f'qiegħ il-paġna tat-tabella tal-Anness IV.

#### **2.2. Il-Kunsill Konġunt tal-Istati EPA SADC u l-UE**

L-Artikolu 100 tal-FSE jistabbilixxi Kunsill Konġunt "li għandu jissorvelja u jamministra l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim".

L-Artikolu 101(1) tal-Ftehim jipprevedi li "il-Kunsill Konġunt għandu jkun magħmul, min-naħa l-waħda, mill-membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-membri rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea jew mir-rappreżentanti tagħhom, u, min-naħa l-oħra, mill-Ministri tal-Istati EPA SADC jew mir-rappreżentanti tagħhom".

L-Artikolu 101(3) jelenka l-funzjonijiet tal-Kunsill Konġunt kif ġej:

- (a) ikun responsabbli mit-tħaddim u mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u għandu jissorvelja li jiġu sodisfatti l-għanijiet tiegħu;
- (b) jeżamina kwalunkwe kwistjoni ewlenija li tinqala' skont dan il-Ftehim li tkun ta' interess komuni u taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet;
- (c) jeżamina proposti u rakkomandazzjonijiet mill-Partijiet biex jiġi evalwat dan il-Ftehim;
- (d) jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa;
- (e) jissorvelja l-iżvilupp tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn il-Partijiet;
- (f) jissorvelja u jivvaluta l-impatt tad-dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni ta' dan il-Ftehim dwar l-iżvilupp sostenibbli;
- (g) jissorvelja u jevalwa l-progress fuq il-kwistjonijiet kollha koperti minn dan il-Ftehim;
- (h) jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess;
- (i) jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp;
- (j) jissorvelja ħidmet il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp; u
- (k) iwettaq kwalunkwe dmir ieħor skont dan il-Ftehim.

L-Artikolu 102(1) jistabbilixxi li l-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet rigward il-kwistjonijiet kollha koperti minn dan il-Ftehim. In-nota 1 f'qiegħ il-paġna tal-Anness IV tal-FSE timplika li għandha tittieħed deċiżjoni sabiex jiġu aġġustati l-kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti mmarkati b'asterisk meta d-data tad-dħul fis-seħħ tal-FSE tiġi wara l-2015 (bħal fil-każ preżenti).

### **2.3. Id-deċiżjoni prevista tal-Kunsill Konġunt tal-FSE**

Fil-ħames laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp tal-FSE UE-SADC (li r-rwol tiegħu huwa li jassisti lill-Kunsill Konġunt "fit-twettiq ta' dmirjietu" u li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet "normalment fuq il-livell ta' uffiċjali anzjani"), il-Partijiet tal-FSE laħqu ftehim informali dwar l-aġġustament tal-livelli ta' attivazzjoni tas-salvagwardji agrikoli skont in-nota 1 f'qiegħ il-paġna tal-Anness IV tal-FSE. Il-Kunsill Konġunt fl-ewwel laqgħa tiegħu tad-19 ta' Frar 2019 approva dan il-ftehim u kkonkluda li se "jadotta din id-deċiżjoni bi proċedura bil-miktub jew b'mezzi elettroniċi kif previst fir-Regoli ta' Proċedura tiegħu". Għal dan il-għan, l-Istati EPA SDAC impenjaw ruħhom li jikkondividu mal-UE, abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt sal-15 ta' Marzu 2019. L-UE rċeviet dan l-abbozz madwar sena wara, fid-19 ta' Frar 2020.

### **3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Id-deċiżjoni tal-Kunsill proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-FSE, fir-rigward tal-aġġustament ta' ċerti kwantitajiet ta' referenza fl-Anness IV tal-FSE.

Dan il-pożizzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-ftehim preliminari tal-Partijiet tal-FSE fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Konġunt tal-FSE.

Is-suġġett tal-proposta jikkonċerna l-politika kummerċjali, qasam li fir-rigward tiegħu l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

#### **4. BAŻI ĠURIDIKA**

##### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

###### *4.1.1. Princġipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta’ *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*.

###### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kunsill Konġunt hu stabbilit mill-FSE.

Id-deċiżjoni li għandha tiġi adottata mill-Kunsill Konġunt għandu jkollha effetti legali. Ladarba tiġi adottata, l-emenda prevista se jkollha effetti legali skont id-dritt internazzjonali skont l-Artikolu 35 u tal-Anness IV tal-Ftehim.

Id-deċiżjoni prevista ma tissupplimentax jew ma temendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

##### **4.2. Baży ġuridika sostantiva**

###### *4.2.1. Princġipji*

Il-baży ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tad-deċiżjoni prevista li dwarha tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk id-deċiżjoni prevista jkollha żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn dawn il-għanijiet jew wieħed minn dawn il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment incidental, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent prinċipali jew predominanti.

###### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv u l-kontenut tad-deċiżjoni prevista huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

#### **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

#### **5. PUBBLIKAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI PREVISTA**

Billi d-deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt se temenda l-FSE, huwa xieraq li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-UE, fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-aġġustament ta' ċerti kwantitajiet ta' referenza elenkati fl-Anness IV tal-FSE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u l-Istati EPA tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika ("SADC"), min-naħa l-oħra, ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-10 ta' Ġunju 2016<sup>1</sup> ("il-Ftehim").
- (2) Il-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Botswana, il-Lesoto, in-Namibja, l-Eswatini u l-Afrika t'Isfel u, min-naħa l-oħra, mill-10 ta' Ottubru 2016, u bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Mozambique, min-naħa l-oħra, mill-4 ta' Frar 2018.
- (3) Skont l-Artikolu 102(1) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-aspetti kollha koperti minn dan il-Ftehim. Skont l-Artikolu 101(3)(h) u (i), il-Kunsill Konġunt jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp.
- (4) L-Artikolu 35 tal-Ftehim jistabbilixxi l-possibbiltà għall-Unjoni Doganali tan-Nofsinhar tal-Afrika li tapplika miżura ta' salvagwardja fil-forma ta' dazju fuq l-importazzjoni jekk, matul kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar, il-volumi tal-importazzjonijiet fl-SACU ta' prodott agrikolu elenkat fl-Anness IV tal-FSE li joriġina fl-UE jaqbu l-kwantità ta' referenza għall-prodott elenkata fih.
- (5) In-nota 1 f'qiegħ il-paġna tal-Anness IV tal-FSE tipprevedi li l-kwantitajiet ta' referenza għal-linji tat-tariffa indikati b'asterisk għandhom jiġu aġġustati, fil-każ li d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi wara l-2015,

---

<sup>1</sup> Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra (ĠU L 250, 16.9.2016, p. 3).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Konġunt fir-rigward tal-aġġustament, għall-finijiet tal-Artikolu 35 tal-Ftehim, ta' ċerti kwantitajiet ta' referenza tal-prodotti elenkati fl-Anness IV tal-FSE u mmarkati b'asterisk, għandha tiġi bbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt anness ma' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*